**KUNSILL LOKALI NADUR**
**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Nadur**

**GĦAXAR (10) LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru Tlieta (3)**

**L-Erbgħa 31 ta’ Lulju 2024**

Il-Kunsill Lokali tan-Nadur iltaqa’ fis-Sala tal-Kunsill, fl-4:30pm.

PREŻENTI:

| | |
|---|---|
| Edward Said | Sindku |
| Kevin Curmi | Viċi Sindku |
| Eucharist Camilleri | Kunsillier |
| Rebecca Vella | Kunsillier |
| Jean Paul Portelli | Kunsillier |

UFFIĊJALI PREŻENTI:

| | |
|---|---|
| Sue-Ellen Buġeja | Segretarju Eżekuttiv |

Il-laqgħa bdiet bit-talba.

3.1. Qari tal-ittri ta’ l-apoloġiji.

Kien hemm skuzata l-Ambaxxatur taz-zgħazagħ. Is-Sindku u l-Kunsilliera taw merħba lil Kunsillier Jean Paul Portelli. Gew diskussi id-dekastieri tiegħu li ġew ukoll imressqa fl-ewwel laqgħa.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

### 3.2. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti.

Il-Minuti tal-ewwel laqgħa tal-Ħamis 4 ta' Lulju u tat-tieni laqgħa tat-Tnejn 8 ta' Lulju ġew approvati, iffirmati u ddikjarati bħala dokumenti uffiċjali. Dawn kienu ntbatu lil Kunsilliera bil-quddiem għall-kunsiderazzjoni tagħhom.

### 3.3. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti;

L-iskeda tal-pagamenti numru tnejn (2) ġiet approvata u ffirmata wkoll. Din ġiet iffirmata mis-Sindku, Segretarju Eżekuttiv, Proponent - Jean Paul Portelli u Sekondant - Eucharist Camilleri. Kien hemm qbil unanimu dwar l-iskedi u kontijiet kollha mressqa (anke dawk tal-ahhar ġurnata), kemm tal-laqgha ta' qabel u anke kontijiet mressqa ghal din il-laqgha.

Is-Sindku ta update lil Kunsilliera fuq is-sitwazzjoni finanzjarja u l-kontijiet tal-bank. Hu pprezenta stima ta' ħruġ u dħul ippreparat mill-accountant lil Kunsilliera.

Dħul mill-ahhar laqgha – Skema playing field ta' San Blas u skema Milied 2023. Jonqos isir il-claim tal-Wirja Agrarja (10k).

Kien hemm qbil li jiġi iffirmat il-Kuntratt tad-devoluzzjoni tal-latrina ta' Triq it-Tramunatana bil-ħlas ta' 500 euro fis-sena. Is-Sindku spjega l-kont ta' Road Construction lil Kunsilliera ta' Triq ir-Ramla il-ġdida. Din kollha ser tiġi koperta minn naħa tal-MGP. Kien hemm qbil mill-Kunsilliera kollha fuq il-Kont. Is-Sindku spjega ukoll il-Kont tal-Pjazzetta Dun Martin Camillieri lil Kunsilliera li ser jitħallas taħt skema DLG, pero parti minnu ser jithallas mill-Kunsill Lokali kemm skond l-iskema u anke minhabba varjazzjonijiet u xoghol iehor. Dan ġie approvat unanimament. Kien hemm qbil ukoll li l-Kunsill idaħħal fil-Balance Sheet bhala asset il-Belvedere Ġnien il-Kunsill li kien inxtara fil-passat madwar 20 sena ilu mill-Kunsill. Il-Kunsill ser jitlob lil Perit tal-Kunsill jagħmel il-valur tiegħu u lill-Accountant tal-Kunsill sabiex tpoġġi fl-accounts. Is-Sindku innota li s-Segretarju Ezekuttiv flimkien mal-Accountant tal-Kunsill ser ikollhom laqgħa mad-DLG minħabba d-deficit.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |

## 3.4. Komunikazzjoni mis-Sindku, mistoqsijiet u żviluppi mil-Kunsilliera;

Is-Sindku innota li sar diversi xogħol matul l-aħħar gimgħat minn dak mitlub u fadal xogħol ieħor li għad irid isir. Fi ftit zmien ħadna ħsieb nsolvu diversi problemi u talbiet tal-Kunsilliera kollha, filwaqt li nibqgħu għaddejin nindirizzaw problemi ta' kuljum, materji urgenti, u anke qtugħ ta' ħaxix u indafa ma' kullimkien. Dan minbarra numru ta' affarijiet oħra mitluba mill-Kunsilliera lil hinn mill-laqgħa, li gew indirizzati minnufih. Hu kompla isemmi wkoll id-diversi korrispondenzi li bdew fuq diversi materji u anke laqgħat li nzammu biex jibdew isolvu diversi problemi. Fost l-aktar importanti ta' min isemmi:- Traffic Management f'Daħlet Qorrot flimkien u anke sinjali ħdejn il- knisja ta' Qalb ta' Gesu li qed jgħinu fl-immanigjar tat-traffiku.

Pendenti minn dak mitlub:

- Sindku :- Bozza Triq Ramla (irridu naraw fejn), Dawl Triq Duru (dan irid isir dawl fil-belvedere), Jitranga bidu ta sqaq fi Triq Ramla, Yellow line faccata garage Fatima (nistennew minn TM), Yellow lines Triq Mgarr (diskussjoni mar-residenti), Tikhil u sement ma ħitan fi Vnuta, Sement ma bankini fi Triq Sopu, Tiswija ta' xi partijiet mill-bankini fi Triq Tramuntana ħdejn skola, Titranga parti minn rampa fi Triq Bingemma, Issir bankina quddiem garage fi Triq Dun Guzepp Vella, Jitranga bridge li jagħti fl-għelieqi San Blas.
- Viċi Sindku :- Tikħil ma ċint fi Triq Bingemma, Dog Bin tad-Duru (naraw fejn), Niktbu rigward servizz drenaġġ fi Triq il-Qortin.
- Rebecca Vella :- Bozza Girgor Buttigieg inriedu naraw fejn.
- Eucharist Camilleri :- Ħitan Triq il-Qala, Sinjali San Koronatu -irid jara ma' TM fuqhom, Niktbu rigward bankini tal-Housing Estate fl-area tal-Ħali.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |

**KUNSILL LOKALI NADUR**

Updates mill-Kunsilliera:

Kevin Curmi:

- EU Funds – GAGF – Rejuvination. Kien hemm qbil li issir applikazzjoni fuq Gnien il-Kunsill flimkien ma' Zgħazagħ tac-Centru u Nadur Youngsters FC.
- EU Funds – Twinning. Kien hemm qbil mill-Kunsill li isir applikazzjoni ma' Zafferana.
- Tfal minn Ukrajna (26 t'Awissu) – Il-Viċi Sindku ta l-aħħar zviluppi. Kien hemm qbil li l-Kunsill jieħu ħsieb crafts u l-ikel ta' dik il-gurnata.
- Traffic Management Hali- Din it-talba qeda għand TM biex isiru road markings u tabelli fejn Triq Bingemma u Triq ix-Xemmiex.
- Dog Bin Duru - irridu insibu post fejn jehel.
- Dawl Triq Bernard Haber- Il-Kunsill bgħat talba biex timxi l-bozza minħabba armar festa.

Rebecca Vella:

- CCTV meeting- Saret laqgħa flimkien mal-Kuntrattur, engineer u project manager.
- Periklu Triq Guze Ellul Mercer- Il-Kunsill u anke il-Kunsilliera Rebecca Vella bgħatu e mail lid-Dipartiment konċernat fuq il-periklu. Ser terga tintbgħat reminder.
- Il-Gibjun u l-pompa tal-ilma fi Triq Xandriku- Inbgħat e mail lil WSC u suppost kollox sew.
- Meeting mal-Headmistress - Issa hemm Surmast ġdid li ser isir laqgħa miegħu ukoll.
- Site Visit fil-Librerija - gie diskuss li hemm bzonn siġġijiet, A/C's, xkaffi, fire extinguisher u first aid. Ġie diskuss ukoll data tal-opening. Gie moghti ktieb ġdid għal librerija.
- Tumbata fi Triq San Blas- Kien hemm laqgħa flimkien ma Ing. u ser ikollu jidħol l-MGP peress li hemm xoghol strutturali nvolut.
- School grannies- Kellhom laqgħa u ser mmexxu.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |

Eucharist Camilleri:

- Applikazzjoni MGP ħarga anzjani saret.
- Charter gewwa Hungary kien ta' success u hu ta feedback ukoll fuq il-program tac-Charter.
- Milied – Hu ta' ftit suġġerimenti tal-attivita'.

Jean Paul Portelli:

- Cat Feeders – il-kunsill qed japplika lil dawk li interessati. Kellu laqgħa fuq dawn ukoll li attenda u ta' feedback fuqha.

3.5. Korrispondenza;

- Water be the Change – Ġie deċiz li dawn jitqassmu waqt attivita' ta' awareness peress li hemm biss 200 kit.
- Charter (Desborough 19-22 September) – Ser jattendu Eucharist Camilleri il-Kunsillier, Is-Segretarju Ezekuttiv u Alessio Sultana.
- Ser tinzamm laqgħa mas-Surmast il-ġdid tal-Iskola Primarja flimkien mall-Kunsilliera Rebecca Vella.
- Pubblikazzjoni tal-ktieb ġdid ta' Richard Grech fil-Gnien ta' Kenuna. Kien hemm qbil li jsir PR ġewwa l-ġnien u Press release.
- Talba għal laqgħa u prezentazzjoni dwar zona ta' Sopu biex tiġi priservata bhala Nature park.
- Filming Madame Blanc. Is-Segretarja ser tara fuq dati li ma jkunx hemm il-Monti jew attivitajiet oħra fil-kalendarju tas-sena 2024 u toħrog l-approvazzjoni.

- Kwistjoni Sinjali Sofor bla approvazzjoni Kunsill fi Triq Rihan. Kien hemm qbil li tintbgħat e mail lil TM biex tingħata risposta fuq kif għandhom jiġu approvati s-sinjali.
- Sqaq f'San Blas – kien hemm qbil li nikkonfermaw li jssir manutenzjoni mill-Kunsill Lokali.
- Ittra minn Għaqda Presepji. Kien hemm qbil li jsir il-kors tal-presepju u wara jintuzaw għal wirja fi Zmien Jum il-Kunsill. Kien hemm qbil li din l-inizzjattiva issir flimkien, bl-ammont ta' 1,000 euro. Dan il-ħin ġie diskuss fit-tul il-ġurnata ta' Ġieħ Nadur, ġie deċiz li jsir 30 ta' Novembru peress li hemm membri tal-Kunsill li ser ikunu imsiefra. Is-Sindku innota li din ser tkun biss bdil għal din is-sena biss.

## 3.6 Offerti Pubblici

Offerta għall-Latrina Ġdida f'San Blas– Il-Bord tal-evalwazzjoni ta' rapport li l-offerti kollha ma kienux konformi u ma kienux rakkommandati. Kien hemm qbil mill-Kunsilliera biex din l-offerta taqa' u terga tinħareġ l-offerta mill-ġdid. Kien hemm qbil ukoll li qabel tintbgħat għal-approvazzjoni tal-GPP u imbgħad tinħareġ.

## 3.7. Progetti u skemi:

- Toroq Rurali M4.3 – Is-Sindku ta update dwar l-aħħar zviluppi, fejn ix-xoghol huwa lest u bdejna nghalqu id-dokumentazzjoni.
- Il-Kunsill applika fuq SPI/SCI/05/2024 - Skema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali u Natalizji 2024-2025 ghall-Milied u l-Karnival - Din l-applikazzjoni ġiet approvata.
- Il-Kunsill applika ukoll fuq skemi ġodda - SPI/SCI/02/2024- Finanzjament – Komunitajiet aktar b'saħħithom u inklussivi (ghal equipment fil-Playing field tal-Ħali) u SPI/SCI/03/2024 - Inizjattiva Finanzjarja Lokalitajiet aktar nodfa (ghall-Clean Up u Rizorsi) u Skema restawr

Sqaqien u Niċeċ (MGOZ) (għall-Pjazzetta u Monument Ġnien il-Kunsill). Fuq dawn għadna qed nistennew risposta.

- Skema LESA- Din ġiet diskussa f'item no. 3.6.
- SPI/SCI/4/2023 Skema Finanzjarja – Komunitajiet Aktar Siguri u Organizzati – Is-Sindku ta update dwar laqgħa mal-Kuntrattur, engineer u project leader.
- Fondi EU (ġew diskussi f'item 3.4)

3.8. Zviluppi dwar Attivitajiet, Inizzjattivi u Hidma Socjali:

Wine Festival- Is-Sindku ta' l-aħħar updates u ser ikun jgħin l-Viċi Sindku Kevin Curmi fil-PR. Bix-xorti telgħu l-għaqdiet Nadur Youngsters FC u Għaqda Armar Triq San Gwann għal bars. Prodotti jinxtraw biss mingħand Coca Cola u irid ikollhom cash register fuq il-post.

Baveno – 20 Sena Gemellagg. Is-Sindku ta update fuq l-aħħar zviluppi u kien hemm qbil unanimu li l-ispejjez tal-Kunsilliera u staff jiġu koperti, kif ukoll spejjez relatati ma wahda mill-ikliet, trasport f'Malta, u motoscafi ghal mawra fil-Lago.

School Grannies Initiative - Is-Sindku ta' update fuq l-aħħar zviluppi wara l-laqgħa mal-koordinatriċi u ser mmexxu b'din l-inizzjattiva.

Youth Exchanges- Qed jikkordinaw Arthur Portelli, Ines Buttigieg u Kaitlyn Vella flimkien ma Natalie Cassar u Kevin Curmi.

Skambji EU funded fin-Nadur f'Awissu- Is-Sindku ta update fuq l-aħħar zviluppi dwar dan il-programm li ser isir fin-Nadur. Ines Buttigieg ser tikkordina.

Halloween, Jum il-Kunsill, Milied u Nadur 10k ser jiġu diskussi fil-laqgħa li jmiss ta' Awissu.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |

3.9. Materji Ohra:

- **PRIORITA – Immaniġjar tat-traffiku fiċ-ċentru tal-lokalita.** Qbil li nibgħatu e mail lil TM għal laqgħa u anke jkun hemm pjan B jekk triq tkun maghluqa.
- **PRIORITA – Laqgħa mal-MGP rigward toroq fin-Nadur.** Is-Sindku talab li jsir meeting ma MGP dwar dawn.
- **PRIORITA – Berga tas-saħħa fin-Nadur.** Is-Sindku talab lil Kunsillier Eucharist Camilleri biex ihejji email.
- Solar CCTV li nuzawha fejn qed isir l-abbuz tal-iskart. Kien hemm qbil unanimu li ninvestu f'wahda. Ser naraw ma Paul Portelli.
- Isir Bust lil Joe Tabone fis-Sala tal-Kunsill, għal Jum Kunsill 2024 - Is-Sindku ser jara fuqha u jkellem lil Kunsilliera.
- Website l-antik – Kien hemm qbil li jitneħħa u jsir il-back-up qabel.
- Restawr tal-winch ta' Daħlet Qorrot. Is-Sindku għamel suġġeriment biex titranga minn Ivan Xuereb il-ħaddiem tal-Kunsill u titpoġġa plakka bl-informazzjoni fuqha. Kien hemm qbil.
- Boroz Organiċi – jinġabru mir-residenti mill-Kunsill Lokali.

3.10. Rikjesti u Talbiet mill-Pubbliku.

3.10.1.Rikjesti mis-Sindku Edward Said:

- Talba biex isir manutenzjoni tad-dawl fil-Playing Field tal-Ħali.
- Talba għal manutenzjoni fil- wires tad-dawl għal pompa tal-Pjazza.
- Talba għal manutenzjoni lil grawnd tal-futbol.
- Triq Emigranti – irridu niktbu lil Ministeru u nagħmlu pressjoni biex isir.
- Talba għal parking lots markings fi Triq Guze Bonnici.
- Sinjali biex ma jipparkjawx in-naħa ta wara il- Pjazzetta.

- Talba biex bozza tiċċaqlaq fi Triq il-Qortin.
- Talba għal yellow line magenb garage fi Triq Zrajk.
- Talba għal welding ma’ manhole fi Triq Daħlet Qorrot.
- Talba biex jittranġa ħajt tas-sejjieh fi Triq tad-Duru.
- Talba biex titranga rampa fi Triq San Gakbu.
- Talba għal-patching f’diversi zoni.
- Talba biex jitnaddfu l-gibjuni ta’ Wied Bingemma.
- Tindif ta’ diversi soft areas.
- Talba għal mera ġdida fi Triq ir-Riħan.
- Talba għal bankina biex titranga fi Triq iz-Zernieq.
- Talba għal konkos fi Triq Saver Cassar għax nizlet.
- Talba biex tiċċaqlaq bozza fi Triq ta’ Said.

### 3.10.2. Rikjesti mingħand Il-Viċi Sindku Kevin Curmi

- Talba għal tabelli ta’ speed limit fi Triq tad-Duru
- Ġnien il-Kunsill -biex inkellmu eco gozo rigward sigra invasive. Ser jara l-ewwel il-Kunsillier Jean Paul fuq il-post fuqha.
- NGO ġdida SIĠAR minħabba siġra ġdida barra quddiem il-Ġnien ta’ Kenuna. Kien hemm qbil.
- Ġibed l-attenzjoni fuq il-latrina ta’ Daħlet Qorrot. Is-Sindku innota li hemm bilfors ikun hemm l-ilma ħdejn il-baħar. Biex tkun dejjem sew irid ikun hemm attendant tal-gvern li joqod sal-ħin inkella ma jibqax triq oħra ħlief li tingħalaq.
- Suġġeriment fuq CCTV fil-Pjazza. Is-Sindku innota li jekk il quddiem ikun hemm fondi npplikaw.
- Suġġeriment biex jiġu infurmati residenti fuq avizi etc permess ta’ *whats app.*

### 3.10.3. Rikjesti mingħand il-Kunsilliera Rebecca Vella

- Suġġeriment ta linji sofor fi Triq Ħanaq. Isir traffic management il quddiem.
- Talba għal qtugħ ta’ ħaxix f’Bingemma.

- Ħmieġ fi Triq it-Tigrija. Dan ġie irraportat.
- Suġġeriment għal servizz ta' bus lir-residenti. Is-Sindku innota li la għandna van u l-anqas garage tal-Kunsill.

### 3.10.4. Rikjesti mingħand il-Kunsillier Eucharist Camilleri

- Għamel remarka fuq is-sitwazzjoni ta' kif tħalla l-area fejn il-Kunsill kellu l-gazebo fil-ground. Il-Kunsill ser ikellem lil MGOZ rigward dan.

### 3.10.4. Rikjesti mingħand il-Kunsillier Jean Paul Portelli

- Talba biex titranga rampa.
- Toqba fejn it-Torri ta' Kenuna
- Talba għal repaint sinjali fi Triq Madre Gemma Camilleri.
- Bank biex jitħarrek fejn bus stop tal-Pjazza.
- Suġġeriment fuq Ottobrata.

### 3.11. Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa spiċċat fis-7:30pm. Data tal-laqgħa li jmiss ser tkun diskussa aktar il quddiem.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |